# Il-Ħadd 03.03.2019

1. Il-Ħadd 3/03:
   - Fuq iz-zuntier, qed isir *Cake Sale* u Lotterija b'risq il-manutensjoni u l-proġetti ta' restawr tal-Knisja. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.

2. It-Tnejn 04/03:
   - Mid-9:00am sas-2:30pm – Ħarġa għall-Abbatini. Nitilqu minn fejn il-knisja.

3. L-Erbgħa 06/03, **l-Erbgħa tal-Irmied, il-bidu tar-RANDAN Imqaddes**:

**Infakkru li matul dan il-jum hemm l-obbligu komuni għas-Sawm u l-Astinenza**:

| B'sawm għandna nifhmu ikla prinċipali fil-ġurnata, u b'astinenza nifhmu li wieħed: | Dan sabiex juża l-ħin aħjar ħalli jieħu ħsieb aktar ruħu, billi: |
|---|---|
| i) ma jiekolx laħam; | i) jieħu sehem f'Quddiesa, jew jitlob il-*Via Sagra*; |
| ii) joqgħod lura minn xorb alkoħoliku; | ii) jitlob aktar mal-familja, eż. ir-Rużarju; |
| iii) ma jpejjipx; | iii) jaqra l-Bibbja; |
| iv) irażżan l-infiq; u | iv) jagħti karità; u |
| v) jiċċaħħad minn xi divertiment. | v) jżur lill-morda jew lill-anzjani li huma weħidhom. |

   - Fis-6:00pm - *Via Sagra* (N.B. Matul ir-Randan, tintalab hawn fil-knisja kull nhar t'Erbgħa u Ġimgħa, minflokk ir-Rużarju.)
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niċċelebraw ċ-ċentralità tas-salib f'dan iż-żmien speċjali għall-Knisja, kif ukoll it-tberik u t-tqegħid tal-Irmied, sinjal ta' indiema, konverżjoni, u penitenza.

4. Is-Sibt 09/03:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' San Ġwann tas-Salib, Ta' Xbiex.

5. Il-Ħadd 10/03, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan**:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tal-Qrendi, tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

6. It-Tnejn 11/03:
   - Dun Karm Zammit, saċerdot mill-parroċċa tagħna li bħalissa qiegħed id-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, jiċċelebra it-52 sena minn mindu ġie ordnat saċerdot (11/03/1967). Nawgurawlu, nifirħulu u bla dubju nkomplu nitolbu għalih.

7. Avviżi oħra:
   - Il-Programm tat-Tberik tal-Familji (li ser nibdewh mit-Tnejn 11/03) tistgħu ssibuh fuq in-Notice Boards taz-zuntier, fuq il-website u l-facebook tal-parroċċa, u fuq karta li qed titqassam mal-'Flimkien' ta' Marzu. Mal-programm hemm ukoll Formola biex timtela minnkom u hekk turu d-disponibiltà tagħkom li tkunu *Helpers* tal-Parroċċa f'aspett indikat minnkom. Il-Parroċċa għandha bżonn s-sehem tagħkom. Napprezza li tgħaddu lura l-Formola mimlija dak in-nhar li niġu nagħmlu t-Tberik.
   - Il-Ħamis 07/03, mid-9:30am san-12:30pm: Seminar għal Kulħadd organizzat mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. tal-Bniet fil-qasam tas-Siġġiewi. Aktar dettalji mingħand is-Superjura.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 40 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

     Grazzi mill-qalb.

9. Nitolbu għal Mikelanġ Zammit li għadda għal ħajja ta' dejjem.

   Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...